# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 ta' Frar, 2016**

**Rikors Numru 1139/2015**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru**
**numru 1454/15 fl-ismijiet:**

**Steven (444361 M) u Anita (181663 M)**
**konjugi Pace**

**vs.**

**Paul Camilleri, Michael Micallef,**
**Ivan Farrugia, u Valletta Glass S.r.l.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors ta' Paul Camilleri u Michael Micallef fuq gia` indikati bhala intimati fil-mandat ta' sekwestru in dizamina datat it-2 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu sintetikament issollevaw s-segwenti:

1.1. Illi r-rikors *de quo* minnhom hawn hekk promoss gie intavolat *ai termini* ta' l-artiklu 836(1) (c) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.2. Illi l-iskop wara l-istess rikors hawn promotur hu essenzjalment li konsegwenza tal-istess jigi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1454/2015, fuq gia` indikat, liema sekwestru hu fl-ammont ta' sebghin elf Ewro, (€70,000.00);

1.3. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti odjerni qeghdin ukoll jezigu l-applikazzjoni tal-penali *ai termini* ta' l-artiklu 836(8) u 838A tal-Kap 12 tal-istess Ligijiet ta' Malta;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimati odjerni l-konjugi Pace datata l-5 ta' Jannar, 2016, li sintetikament irrispondew ghall-istess rikors bil-mod segwenti:

2.1. Illi ghalkemm is-socjeta` Valletta Glass S.r.l. li taghha r-rikorrenti odjerni huma azzjonisti hi registrata ir-Rumanija, il-kuntratt in dizamina gie ffirmat f'Malta;

2.2. Illi permezz tal-istess kuntratt l-intimat Steven Pace investa l-imsemmi ammont fis-socjeta` *de quo* b'tali mod li jekk sa zmien hames (5) snin mill-kuntratt ma jigix rekuperat l-istess ammont mill-profitti tal-istess, hu kellu jinghata l-istess ammont lura, (ara foll 9 *et sequitur*);

2.3. Illi l-ghan principali tal-operat tal-imsemmija socjeta` kien li tizviluppa proprjeta` immobbli fir-Rumanija;

2.4. Illi *ai termini* tal-klawsola 11 tal-kuntratt *de quo* l-istess socjeta` intrabtet li tirrifondi l-ammont fuq indikat fi tmiem l-iskadenza tal-ftehim in dizamina, senjatament, fil-25 ta' Jannar, 2013, (ara foll 14);

2.5. Illi fl-iskadenza indikata fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti odjerni, flimkien mas-socjeta` fuq riferita, naqqsu li jagixxu skont l-obbligi minnhom hekk liberament assunti u naqqsu li jghaddu l-ammont hekk minnhom dovut lis-sekwestranti Pace, skont kif pattwit;

Ikkunsidrat:

3. Illi fi procedura bhal dik in dizamina l-analizi statutorjament rikjest irid ikun wiehed limitat ghall-ezami *in prima facie* tal-vertenza, *stante* li l-mertu veru u proprju jigi ttrattat u deciz fi procedura appozita aktar approfondita;

4. Illi ghalhekk kif irriteniet il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Fair Trading Limited vs. Green MT Limited, datata s-6 ta' Frar, 2014***, l-ezami li jrid isir f'dan l-istadju:

> "... hu dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qeghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar il-mertu";

Ikkunsidrat:

5. Illi ghalkemm permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti Camilleri u Micallef qeghdin jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru fuq riferit, pero` minn analizi tar-rizultanzi ma jirrizultax li hemm garanzija xierqa ohra fit-termini tal-artiklu 836(1) (c) tal-Kap 12 *de quo* li tista` tissodisfa l-pretensjoni legittima tas-sekwestranti konjugi Pace;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi l-istess rikorrenti odjerni fuq indikati jirrinkaraw id-doza billi jitolbu wkoll li l-mandat in dizamina fuq riferit jigi revokat a bazi tal-artiklu 836 (1) (d) tal-istess Kap 12 fuq riferit;

6.1. Illi l-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jiddisponi li tali mandat kawtelatorju bhal dak in dizamina fil-procedura odjerna jista` jigi revokat kemm il-darba l-ammont mitlub mis-sekwestranti li jkun hekk sekwestrat ma jkunx *prima facie* gustifikat jew eccessiv;

6.2. Illi f'dan ir-rigward l-istess ***Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Galea vs. Stewart datata d-29 ta' Lulju, 2005***, issosstni s-segwenti:

> "Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni, (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-*"fumus juris"* tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat";

Ikkunsidrat:

7. Illi fit-terminu tal-klawsola numru 11 tal-kuntratt in dizamina datat il-25 ta' Jannar, 2008, (ara foll 10 u 14), jirrizulta pacifiku li l-kontraenti rikorrenti odjerni, obbligaw lilhom infushom li jirritornaw is-somma lilhom mislufa mis-sekwestranti intimati odjerni entro t-terminu hemm indikat;

8. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-jedd tas-sekwestranti intimati gie debitament ipprovat skont il-ligi fit-terminu statutorjament rikjest tal-*prima facie*;

9. Illi f'dan ir-rigward lanqas jirrizulta li l-ammont kawtelat bis-sekwestru hawn ingustament inkriminat hu xi ammont eccessiv;

10. Illi in effetti l-mandat kawtelatorju in dizamina hu cirkoskritt ghal €70,000.00 liema ammont hu effettivament ekwivalenti ghall-ammont li l-istess sekwestranti intimati investew fis-socjeta` gestita mir-rikorrenti sekwestrati odjerni, liema ammont jirrizulta dovut lill-istess sekwestranti *ai termini* tal-kuntratt fuq riferit, (ara paragrafu numru sebgha, (7.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-istess rikorrenti odjerni sekwestrati jitlobu wkoll ir-revoka tal-mandat in dizamina *ai termini* tal-artiklu 836(1) (f) tal-istess Kap 12 fuq riferit;

11.1. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

11.1.1. Illi biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat *de quo*;

11.1.2. Illi f'dan ir-rigward, wara li l-qorti analizzat id-dokumentazzjoni in atti u wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali fir-rigward ma tqisx li r-rikorrenti odjerni sekwestrati irnexxielhom jipprovaw li l-mandat in dizamina mhux wiehed ragonevoli;

11.1.3. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat mill-istess li effettivament jirrizulta li mid-data tal-hrug tal-mandat in dizamina r-rekwiziti kollha li wasslu ghall-hrug tal-mandat *de quo* kollha ghadhom jissussistu;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi rigward it-talba tar-rikorrenti odjerni ghall-imposizzjoni ta' penali fuq l-intimati sekwestranti jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi mill-analizi fuq sintetikament elenkat ghandu jkun pacifiku li l-att kawtelatorju mahrug fuq talba tal-intimati sekwestranti hu wiehed ampjament gustifikat;

12.2. Illi ghalhekk hu wkoll pacifiku li mhux biss jezistu c-cirkostanzi necessarji biex jinhareg l-istess mandat *de quo*, izda lanqas jirrizulta li l-istess gie mitlub frivolozament jew b'mod vessatorju;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi rigward l-allegazzjoni li s-sekwestranti intimati ghandhom jipprovdu garanzija ghad-danni li allegatament jistghu jigu sofferti mir-rikorrenti sekwestrati odjerni, jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi fir-rigward il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili f'Darmanin et vs. Cachia et, datata l-31 ta' Lulju, 2007***, sostniet is-segwenti:

> "Il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artiklu. Lanqas ma jidher li huwa bizzejjed biex jikkonstitwixxi "kawza gusta" ghall-finijiet tal-artiklu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inhareg Mandat kawtelatorju tkun qeghda ggarrab danni minhabba dak il-mandat. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni, x'aktarx msejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artiklu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili";

13.2. Illi in vista tal-insenjament fuq interpellat din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti odjerni sekwestrati irnexxilhom juru li tezisti kawza gusta li tiggustifika l-hrug ta' garanzija xierqa fir-rigward da parti tas-sekwestranti intimati ghal danni rikjamati mir-rikorrenti odjerni;

**DECIDE:**

14.0. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti sekwestrati odjerni ma pprovawx it-talbiet minnhom inoltrati permezz ta' din il-procedura, u konsegwentement:

14.1. Filwaqt li takkolji r-risposti kollha tal-intimati sekwestranti;

14.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti sekwestrati;

14.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti sekwestrati.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**